# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' April, 2001**

**Numru**

**Avviz numru:  1696/00mm**

**CSMR (1994) Limited**

**vs**

**Pierre Camilleri**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u wiehed u sebghin lira Maltija u tlieta u tletin

centezmu (Lm471.33) prezz ta' merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lill-konvenut fuq ordni tal-konvenut stess.

Bl-imghax minn Gunju, 1999, u bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Marzu, 2000, u tal-Mandat ta' Qbid numru 2125/00 CX kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-28 ta' Marzu, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.